Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 401/1984/1

Carmelo sive Charles Barbara
vs
Chairman tat-TeleMalta Corporation in rappresentanza ta' l-istess

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Peress illi l-attur kellu jaghmel spiza rilevanti biex jinstalla erbatax-il arblu biex idahhal id-dawl elettriku fil-fond tieghu Triq Wied iz-Zurrieq;

U peress illi sussegwentement il-Korporazzjoni konvenuta qabbdet u uzat kif ghadha tuza parti minn dawn l-arbli biex fuqha tghaddi l-linji tat-telefon.

U peress illi l-attur huwa ghalhekk intitolat ghall-kumpens ghal dan l-uzu;

L-attur talab lill-Qorti:

Tiffissa somma jew rati ta' kumpens adegwat ghall-uzu li l-Korporazzjoni konvenuta qed taghmel mill-arbli tal-attur f'Wied iz-Zurrieq; u

Tikkundannah ihallas lill-attur l-ammont rateali jew is-somma, hekk stabbiliti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-23 ta' Jannar 1984 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-attur.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Maurice Mifsud Bonnici bhala Chairman tal-Korporazzjoni TeleMalta li eccepixxa:

Illi preliminarjament ic-citazzjoni attrici trid tigi koretta fis-sens illi l-isem tac-Chairman Telemalta ghandu jigi indikat.

Illi l-pretensjoni attrici ghall-hlas mill-Korporazzjoni TeleMalta ta' uzu ta' arbli ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi mhux dovut hlas ghall-uzu indikat.

Illi l-pretensjoni attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-arbli in kwistjoni mhux proprjeta` ta' l-attur.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Rat id-digriet tat-13 ta' Novembru 1985 li bih gie nominat Dr. Joseph Zammit McKeon bhala Perit Legali.

Rat illi fil-5 ta' Dicembru 1988 gie nominat William Cassar Torreggiani bhala Perit Tekniku.

Rat ir-rapport tal-Avukat Dr. Joseph Zammit McKeon u l-espert Tekniku William Cassar Torreggiani li jinsab a fol 44 sa 146 tal-process.

**KONKLUZJONIJIET:**
Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata u cioe` li c-citazzjoni attrici trid tigi korretta fis-sens li l-isem tac-Chairman Telemalta ghandu jigi indikat, l-espert legali kien semma li l-figura guridika tal-Korporazzjoni Telemalta tohrog mill-Kap 250 Art. 3(4) li jsemmi li din ghandha personalita` legali distinta u li l-Artikolu 3(5) jghid li r-rapprezentanza legali tat-Telemalta hija vestita fic-Chairman jew dak il-membru l-iehor, jew f' dawk il-membri l-ohra li l-bord jista' jsemmi b' rizoluzzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. L-attur harrek lic-Chairman, liema ufficjal il-Ligi stess kienet tipprefigi bhala munit mir-rapprezentanza legali tal-Korporazzjoni. Il-Kap 249 (Att dwar interpretazzjoni) tal-Ligijiet ta' Malta fl-Art 6(b) jsemmi li "Meta dak l-att (tal-Parlament), jaghti setgha lil, jew jimponi dmir fuq, detentur ta' kariga, bhala tali, kemm-il darba ma jkunx jidher il-kuntrarju, is-setgha tista' tigi ezercitata u d-dmir ghandu jsir mid-detentur ta' dik il-kariga ghal dak iz-zmien." Dan ifisser li l-Ligi titfa' enfasi fuq il-kariga aktar milli d-detentur tal-kariga u ghalhekk la l-Ligi kienet tat is-setgha lic-Chairman biex jirrapprezenta legalment lill-Korporazzjoni Telemalta mhux essenzjali li dan jigi indikat b' ismu minhabba li min jiddetjeni l-kariga jassumi s-setghat u d-dmirijiet ex lege. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis ic-citazzjoni bhala valida u hielsa minn irritwalita` kif sostnut mill-konvenut u ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

Il-konvenut eccepixxa li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li mhux dovut hlas ghall-uzu indikat. L-attur ihoss li ghandu dritt ghal kumpens

minghand il-Korporazzjoni intimata ghall-uzu li din ghamlet u qed taghmel minn arbli li hu wahhal bejn Wied iz-Zurrieq u d-dar tieghu minhabba li dawn kienu propjeta` tieghu u ghalhekk kien jisthoqqlu kumpens. Saret referenza ghal Electricity Supply Regulations tal-1939 liema regolamenti jipprovdu meta u f' liema cirkostanza l-Electricity Board (u ghalhekk illum Korporazzjoni Enemalta) hija obbligata li tipprovdi s-servizz tal-elettriku (service mains). Skond ir-regolament 11 is-service mains jitqieghdu mill-Korporazzjoni a spejjez taghha meta "the distance from the meter to the nearest suitable low tension main shall not be more than 50ft in the case of an underground main and 100ft in the case of an aerial main." Peress li l-htigijiet tal-attur kienu jinvolvu distanzi itwal minn dawk stabbiliti f' dan ir-regolament kellu jkun l-attur bhala konsumatur li jhallas is-service mains li jitqieghdu mill-Korporazzjoni Enemalta. Tali servizz jinghata biss skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament 12 li jsemmu li l-estensjoni ssir mid-dipartiment u li l-main isir propjeta` tad-dipartiment u li l-konsumatur ma ghandu ebda dritt ghar-rifuzjoni tal-ispejjez fl-eventwalita` li d-dipartiment jissupplixxi konsumaturi ohra. Hemm regolament 12d li jitkellem ukoll dwar rifuzjoni tal-ispejjez f' certu kazijiet.

Issa jidher car li kien l-attur li hareg l-ispiza kollha biex jinghata l-provvista tal-elettriku minhabba li d-distanza kienet tissupera dik stipulata u ghalhekk saru "***ope legis***" propjeta` tal-Korporazzjoni Enemalta. Dawn ir-regolamenti ghadhom fis-sehh u l-poteri li kellu l-Bord tal-Elettriku taht dawk ir-regolamenti gew mghoddija lill-Korporazzjoni bis-sahha tal-Att XVI tal-1977 intitolat l-Att dwar l-Enemalta u partikolarment l-Artikolu 25.

Ghalhekk meta l-attur inghata s-servizz l-arbli saru propjeta` tal-Korporazzjoni Enemalta u ghalhekk l-attur ma kellu ebda dritt jirreklama kumpens minghand il-Korporazzjoni Telemalta ghall-uzu li din ghamlet mill-arbli biex taghti s-servizz tat-telephone lil Wied iz-Zurrieq u jekk kellu jigi reklamat kumpens dan kellha taghmlu l-Korporazzjoni Enemalta.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata ghax mhux dovut hlas kif indikat fic-citazzjoni u tilqa' wkoll it-tielet eccezzjoni u cioe` li l-pretensjoni attrici hija infondata minhabba li l-arbli in kwistjoni m' humhiex propjeta` tal-attur.

Spejjez ghandhom jithallsu terz mill-konvenut u zewg terzi mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------